IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MT

# Stqarrija għall-Istampa

**Il-Lussemburgu, it-28 ta' Ġunju 2021**

# Jeħtieġ li l-UE jkollha qafas ta' sorveljanza aktar b'saħħtu u aktar koerenti biex tiġġieled il-ħasil tal-flus

**Minkejja li l-valur ta' tranżazzjonijiet suspettużi fi ħdan l-Ewropa huwa stmat li jlaħħaq mal-mijiet ta' biljuni ta' euro, l-UE għandha approċċ frammentat għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Għalkemm il-korpi rilevanti tal-UE għandhom rwol ta' tfassil tal-politika u ta' koordinazzjoni kif ukoll setgħat diretti limitati, fil-biċċa l-kbira l-isforzi jiġu mmaniġġjati fil-livell nazzjonali. Rapport speċjali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) jikkonkludi li l-azzjoni fil-livell tal-UE biex tiġġieled il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu għandha dgħufijiet, li l-qafas ta' sorveljanza tal-UE huwa frammentat u għandu koordinazzjoni fqira, u li għalhekk dan jonqos milli jiżgura approċċ koerenti u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.**

Il-ħasil tal-flus huwa l-prattika ta' leġittimizzazzjoni tar-rikavat minn attività kriminali fejn jiġi ffiltrat fl-ekonomija regolari biex tinħeba l-oriġini illegali tiegħu. Fi ħdan l-Ewropa, il-Europol tistma li l-valur tat-tranżazzjonijiet suspettużi huwa ekwivalenti għal madwar 1.3 % tal-PDG tal-UE. Madwar id-dinja, iċ-ċifra hija stmata li hija qrib it-3 % tal-PDG dinji. *Data* riċenti turi li aktar minn 75 % tat-tranżazzjonijiet suspettużi rrappurtati fl-UE ġew minn istituzzjonijiet ta' kreditu f'aktar minn nofs l-Istati Membri.

*"Jeħtieġ li d-dgħufijiet fil-livell tal-UE fir-rigward tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jiġu indirizzati, u li r-rwol superviżorju tal-UE jissaħħaħ b'mod sinifikanti"*, qal Mihails Kozlovs, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. *"Jeħtieġ li jsir ħafna aktar biex jiġi żgurat li d-dritt tal-EU jiġi implimentat fil-pront u b'mod koerenti. L-ewwel ħaġa, jenħtieġ li l-UE tuża r-regolamenti bi preferenza għad-direttivi kull fejn ikun possibbli, minħabba l-ħtieġa li l-leġiżlazzjoni tiġi implimentata b'mod koerenti fil-livell tal-Istati Membri"*.

Illum, is-setgħat fil-livell tal-UE għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu huma maqsumin bejn bosta korpi. Il-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa l-politika u timmonitorja l-inkorporazzjoni tagħha fid-dritt tal-Istati Membri, u tittratta l-analiżi tar-riskju. L-awdituri sabu dgħufijiet fit-twettiq ta' dawn il-kompiti. Il-leġiżlazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus hija

***L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [eca.europa.eu](eca.europa.eu).***


# ECA Press

**12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg**

**E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu**

kumplessa, u ġiet implimentata bil-mod wisq u b'mod mhux uniformi fl-UE kollha. F'dak li jirrigwarda l-proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju, huma sabu li din ma tindikax it-tibdiliet maż-żmien, u li hija nieqsa minn fokus ġeografiku u prijoritizzazzjoni effettiva. Sal-lum, l-UE ma adottatx lista awtonoma ta' pajjiżi mhux tal-UE b'riskju għoli li jikkostitwixxu theddida ta' ħasil tal-flus għas-suq intern tal-UE. Il-Kummissjoni lanqas ma rnexxielha tipproduċi statistika aġġornata dwar il-kwistjoni, li jagħmilha diffiċli biex tiġi vvalutata l-iskala tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fl-UE.

L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għandha s-setgħa li tinvestiga ksur potenzjali tad-dritt tal-UE f'dan il-qasam, u għamlet użu minnha. Madankollu, mill-2010 'l hawn, l-EBA għamlet sejba pożittiva waħda biss ta' ksur tad-dritt tal-UE relatat mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u ma wettqitx investigazzjoni relatata fuq inizjattiva tagħha stess. L-awdituri sabu wkoll evidenza ta' tentattivi ta' lobbying fil-konfront tal-Bord ta' Superviżuri matul il-perjodu li fih kienu qed jiddeliberaw dwar rakkomandazzjoni potenzjali rigward ksur tad-dritt tal-UE. Dan juri li t-teħid ta' deċiżjonijiet ta' livell għoli tal-EBA seta' ġie influwenzat minn interessi nazzjonali (simili għall-konklużjonijiet tar-Rapport tal-2019 tal-QEA dwar it-testijiet tal-istress tal-EBA). L-awdituri sabu wkoll li l-Kummissjoni ma għandha l-ebda gwida interna biex tiskatta talba lill-EBA għal investigazzjoni; meta għamlet talba, din saret fuq bażi *ad hoc* u, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, wara rapporti mill-media.

Punt tal-aħħar li ġie analizzat mill-awdituri hija l-integrazzjoni tar-riskju tal-ħasil tal-flus fis-superviżjoni prudenzjali tal-banek fiż-żona tal-euro. Huma sabu li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) – is-superviżur dirett tal-banek sinifikanti mill-2014 'il hawn – beda tajjeb fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti mas-superviżuri nazzjonali, iżda l-BĊE ma għandu la r-responsabbiltà u lanqas is-setgħa li jinvestiga kif tintuża tali informazzjoni mis-superviżuri nazzjonali. Il-kwalità tal-materjal kondiviż mis-superviżuri kienet tvarja b'mod konsiderevoli wkoll minħabba prattiki nazzjonali. L-EBA qed tiżviluppa gwida aġġornata speċifika; din se jkollha tiġi ffinalizzata u implimentata mill-BĊE u mis-superviżuri nazzjonali mill-aktar fis possibbli, jirrakkomandaw l-awdituri.

**Informazzjoni ġenerali**

L-UE adottat l-ewwel Direttiva tagħha dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fl-1991, li ġiet aġġornata l-aħħar fl-2018, biex tiġġieled it-theddidiet għas-suq intern mill-ħasil tal-flus, u sussegwentement, biex tipprevieni l-finanzjament tat-terroriżmu. Il-Kummissjoni biħsiebha tiżvela proposta għal għassies uniku tal-UE għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu f'qasir żmien.

Ir-Rapport Speċjali Nru 13/2021: "*L-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fis-settur bankarju huma frammentati u l-implimentazzjoni mhijiex suffiċjenti*" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu).

**Kuntatt għall-istampa**

Uffiċċju stampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeais: vincent.bourgeais@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502